



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8927/20

ENFOPOL 144
JAI 500
DROIPEN 42
COSI 101

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8605/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji fil- ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq kif approvati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2020.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

dwar it-tisħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fl-Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024¹ u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu², il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u l-Pjan ta' Azzjoni dwar it-triq 'il quddiem fir-rigward tal-investigazzjoni finanzjarja tad-9 ta' Ġunju 2016³, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar miżuri ulterjuri biex jittejjbu t-trasparenza u l-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa tal-11 ta' Ottubru 2016⁴,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA r-rieżami ta' nofs it-terminu⁵ tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-UE (ISS) li ssemmi l-ħtieġa li tkompli tittejjeb *"titjib ulterjuri fil-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja, il-ħasil tal-flus u l-faċilitazzjoni tal-irkupru tal-assi, billi tiġi appoġġata kooperazzjoni Prattika Effettiva bejn l-Istati Membri, u tiġi inkoraġġita l-ħidma fi sħubija bejn l-Istati Membri u s-settur privat"*,

IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet strateġiċi dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu⁶, li huma bbażati fuq is-sensiela reċenti ta' rapporti tal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni⁷,

JINNOTA l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu⁸,

JAGĦMEL REFERENZA għad-diskussjoni li saret fil-Komitat għas-Sigurtà Interna (COSI) fil-21 ta' Frar 2020 u li tat gwida għal dan is-sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill,

¹ Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024 (EUCO 9/19), intejbu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u niżviluppaw aktar l-istrumenti komuni tagħna

² 6068/16

³ 10125/16

⁴ 13139/16

⁵ 13319/17

⁶ 14823/19

⁷ 11514/19 (+ADD1), 11516/19, 11517/19, 11518/19, 11519/19

⁸ 7870/20

JENFASIZZA li l-investigazzjonijiet finanzjarji huma tal-akbar importanza għall-Unjoni Ewropea fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu,

JIEĦU KONT li l-Unjoni Ewropea saħħet b'mod sinifikanti l-qafas legali tagħha għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u għall-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-informazzjoni finanzjarja⁹. Dan il-qafas legali jeħtieġ li jiġi implimentat sew, sabiex ilaħħaq mal-integrazzjoni dejjem tikber tal-flussi finanzjarji fis-suq intern, ix-xejriet li qed jiżviluppaw, iż-żieda fil-volum u s-sofistikazzjoni tal-frodi, l-avvanzi teknoloġiċi u l-inġenwità tal-kriminali li jippruvaw jisfruttaw kwalunkwe nuqqas u lakuna fis-sistema,

JIRRIKONNOXXI l-importanza tal-"approċċ segwi l-flus" biex jiġu indirizzati l-aspetti finanzjarji tal-kriminalità organizzata u jiġu identifikati indizzji ġodda meta tiġi investigata l-kriminalità organizzata u JINNOTA li t-tali approċċ jeħtieġ miżuri koordinati f'firxa wiesgħa ta' oqsma interrelatati, inkluż l-irkupru tal-assi, l-użu ta' assi virtwali (jew kryptoassi) u l-muniti ta' kors legali (fiat currencies), il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) differenti, kif ukoll il-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tat-taxxa u dawk doganali fil-livell nazzjonali, jew ir-rwol tal-Europol u l-kooperazzjoni tagħha mas-settur privat,

⁹ L-hekk imsejħa Ħames AMLD (2015/849, kif emendata 2018/843), id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (2018/1673) u d-Direttiva dwar l-użu ta' informazzjoni finanzjarja (1153/2019).

IFAKKAR li skont l-Artikolu 32a tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus¹⁰ (AMLD), jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu reġistri nazzjonali ċentralizzati tal-kontijiet bankarji sal-10 ta' Settembru 2020 li jipprevedu aċċess dirett lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) għal dawn ir-reġistri, u li d-Direttiva dwar l-użu ta' informazzjoni finanzjarja¹¹ tobbliga lill-Istati Membri li jipprovdu aċċess dirett għar-reġistri nazzjonali ċentralizzati tal-kontijiet bankarji lill-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi u l-awtoritajiet l-oħra kompetenti għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali li jkunu ġew deżinjati mill-Istati Membri rispettivi,

JINNOTA li stima konservattiva tikkunsidra li r-rikavati mill-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea (UE) laħqu EUR 110 biljun fis-sena¹² u li minkejja l-isforzi kollha, ir-rata ta' konfiska ta' assi kriminali fl-UE tista' tkun fil-livell baxx ta' 1.1 % biss¹³,

JIEĦU KONT tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-interkonnessjoni ta' reġistri ċentrali nazzjonali tal-kontijiet bankarji¹⁴ li wasal għall-konklużjoni li l-interkonnessjoni tar-reġistri tal-kontijiet bankarji hija teknikament fattibbli u tkun għodda siewja fil-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari bejn l-UIF, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi.

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, ĠU L 141, 5.6.2015, kif emendat bid-Direttiva 2018/843.

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, ĠU L186 tal-11.7.2019.

¹² Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Analiżi tal-miżuri ta' konfiska mhux ibbażati fuq kundanna fl-Unjoni Ewropea, SWD (2019) 1050 final, iċċirkolat bħala 8627/19.

¹³ Ikkwotata mill-Europol, "Il-kriminalità għadha trendi? Irkupru tal-Assi Kriminali fl-UE", Stħarriġ ta' Informazzjoni Statistika 2010-2014, 2016, p. 4 (traduzzjoni mhux uffiċjali).

¹⁴ 11518/19

JENFASIZZA li l-kooperazzjoni u l-fluss ta' informazzjoni jistgħu jissaħħu aktar fil-livelli nazzjonali u Ewropew:

- Bejn l-UIF ta' Stati Membri differenti,
- Bejn l-UIF u l-entitajiet tas-settur privat meħtieġa li jirrappurtaw tranżazzjonijiet suspettużi (STRs) lill-UIF kompetenti,
- Bejn l-awtoritajiet differenti tal-infurzar tal-liġi,
- Bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi,
- Bejn l-UIF u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tat-taxxa u dawk doganali fil-livell nazzjonali,
- Bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

JENFASIZZA li xi setgħat tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja mhumieħ armonizzati madwar l-Unjoni Ewropea, li jista' jkollu impatt fuq il-kapaċità tal-UIF li jaċċessaw u jikkondividu informazzjoni rilevanti finanzjarja, amministrattiva u dwar l-infurzar tal-liġi (speċjalment dik miżmuma minn entitajiet marbutin b'obbligu u/jew awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi),

JIRRIKONOXXI n-natura differenti tal-partijiet ikkonċernati ewlenin involuti fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u JENFASIZZA l-ħtieġa għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tat-taxxa, l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi u l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja biex jaċċessaw b'mod effettiv l-informazzjoni finanzjarja u jsaħħu l-kooperazzjoni f'investigazzjonijiet nazzjonali u transfruntiera,

JENFASIZZA l-importanza tal-iskambju ta' informazzjoni finanzjarja bejn Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li ser jissaħħaħ bid-Direttiva dwar l-użu ta' informazzjoni finanzjarja¹⁵,

¹⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, ĠU L186 tal-11.7.2019.

JIRRIKONOXXI l-importanza tat-trażmissjoni ta' informazzjoni kwalitattiva mill-entitajiet tas-settur privat f'rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi (STRs) lill-UIF (li jipprovduhom feedback rilevanti) u l-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jitolbu informazzjoni mingħand is-settur privat fil-qafas tal-investigazzjonijiet kriminali tagħhom,

U GĦALHEKK JIRRIKONOXXI l-importanza tal-istabbiliment ta' shubijj pubbliċi-privati bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u entitajiet privati obbligati li jirrapportaw tranżazzjonijiet suspettużi, sabiex itejbu l-kwalità u l-preċiżjoni tagħhom filwaqt li jippromwovu approċċ ibbażat fuq ir-riskju, aktar milli rappurtar ibbażat fuq il-konformità,

JINNOTA li d-Deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) imponiet projbizzjoni fuq l-attivitajiet ta' pproċessar ta' data personali tal-Europol (abbażi ta' tħassib rigward individwi mhux meqjusa bħala suspettati) għall-finijiet tal-amministrazzjoni teknika tal-FIU.net, filwaqt li ssospenda l-projbizzjoni għal perijodu ta' sena sabiex jippermetti lill-Europol tiżgura transizzjoni bla xkiel tal-amministrazzjoni teknika tal-FIU.net lil entità oħra¹⁶,

JISSOTTOLINJA l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati¹⁷ u JIKKUNSIDRA li l-partijiet privati jaqdu rwol dejjem akbar fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità ffaċilitata miċ-ċibernetika, peress li ħafna drabi dawn ikunu fil-pussess ta' ammonti sinifikanti ta' data personali possibbilment rilevanti għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi,

JIRRIKONOXXI l-ħidma tal-Europol fl-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni fil-qasam tal-frodi kontra finanzi pubbliċi u privati, il-ħasil tal-flus, l-irkupru tal-assi, il-korruzzjoni u l-falsifikazzjoni kif ukoll fl-appoġġ għall-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) kif previst mir-Regolament tal-UPPE¹⁸,

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-EDPS tad-19 ta' Diċembru 2019 relatata mal-amministrazzjoni teknika tal-FIU.net mill-Europol

¹⁷ 14745/19

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill 2017/1939/UE dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE").

JIRRIKONOXXI l-importanza taċ-Ċentru għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika tal-Europol (EFECC),

JIRRIKONOXXI l-importanza tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) u s-sinifikat tal-Prijorità Kriminali tal-UE "Attività Finanzjarja Kriminali, il-Ħasil tal-Flus u l-Irkupru tal-Assi" bħala prijorità awtonoma kif ukoll prijorità orizzontali fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali kollha fiċ-ċiklu ta' politika tal-UE,

JIEĦU KONT li l-assi virtwali jaqdu rwol dejjem akbar fil-ħasil tal-flus,

JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv u tiġi żviluppata aktar il-Ħames Direttiva AML, li tittratta l-muniti virtwali u telenka l-fornituri involuti f'servizzi ta' skambju bejn muniti virtwali u muniti ta' kors legali, kif ukoll il-fornitur tal-kartieri ta' kustodja bħala entitajiet marbutin b'obbligu,

JINNOTA l-ħidma analitika li saret mill-Kummissjoni¹⁹ u mill-Europol²⁰ li turi li l-pagamenti fi flus kontanti jintużaw minn persuni kriminali għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u b'hekk huwa meħtieġ li jiġu studjati kwistjonijiet ta' tnaqqis ta' pagamenti fi flus kontanti fil-livell tal-UE.

IL-KUNSILL

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

- jagħtu attenzjoni partikolari lit-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1153 sabiex jimmassimizzaw il-benefiċċju tar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet bankarji li jridu jiġu stabbiliti sal-10 ta' Settembru 2020.
- jiżguraw li l-investigazzjonijiet finanzjarji, bħala prijorità orizzontali u trasversali fl-EMPACT, jagħmlu parti minn kull tip ta' investigazzjoni kriminali fir-rigward tal-kriminalità organizzata, speċjalment fit-traffikar tad-drogi u tal-armi tan-nar, il-kriminalità organizzata kontra l-proprietà, il-kriminalità ambjentali, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, it-traffikar ta' bnedmin, it-traffikar ta' beni kulturali, inkluż antikitajiet u opri tal-arti, u t-tipi l-oħra kollha ta' kriminalità organizzata, u biex isemmu dik il-prijorità fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali kollha fil-pjattaforma tal-EMPACT.

¹⁹ 11514/19 ADD 1

²⁰ L-Europol: "Għaliex għadhom jintużaw ħafna l-flus kontanti? Rapport strateġiku dwar l-użu ta' flus kontanti minn gruppi kriminali bħala faċilitatur għall-ħasil tal-flus" (2015.) (traduzzjoni mhux uffiċjali)

- isaħħu l-kooperazzjoni u s-sinerġija fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet finanzjarji u l-iskambju ta' informazzjoni finanzjarja bejn l-UIF, l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi, l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.
- jimpenjaw ruħhom f'diskussjoni kostruttiva mal-Kummissjoni rigward interkonnessjoni futura tar-reġistri nazzjonali tal-kontijiet bankarji sabiex jiġi aċċelerat b'mod sinifikanti l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-kontropartijiet Ewropej tagħhom.
- flimkien mal-aġenziji tal-ĠAI, ikompli jippromwovu l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta (SIK) sabiex jikxfu u jiskoraġġixxu l-ħasil tal-flus u jinvestigaw il-kriminalità organizzata.
- jappoġġaw l-atturi tagħhom involuti fil-prijoritajiet tal-EMPACT u l-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali (OAP): Finanzjament Kriminali – "Ħasil tal-Flus u Rkupru tal-Assi", b'mod partikolari:
 - Fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u esperjenzi,
 - Fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni finanzjarja rilevanti,
 - Fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tat-taxxa, l-uffiċċji tal-irkupru tal-assi u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja,
 - Fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.
- sabiex jimpenjaw ruħhom b'mod attiv, fuq bażi volontarja u f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, fl-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-investigazzjonijiet finanzjarji, bħala segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni adottat matul il-Presidenza Netherlandiża fl-2016²¹.
- flimkien mal-Kummissjoni u mal-aġenziji tal-ĠAI, isaħħu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet finanzjarji.

²¹ 10125/16

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI BIEX:

- tikkunsidra t-tisħiħ tal-qafas legali dwar il-ġestjoni tal-proprietà ffriżata fid-dawl tal-possibbiltà tal-konfiska sussegwenti²², tinkludi l-prinċipju ta' ppjanar minn qabel is-sekwestru, tagħti setgħat addizzjonali lill-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi (AROs), pereżempju setgħat prekawzjonarji urġenti temporanju ta' ffriżar sabiex jipprevjenu d-dissipazzjoni tal-assi,
- tikkunsidra l-ikkomplementar ta' tali qafas b'aċċess aktar armonizzat, immedjat u dirett ta' AROs għal diversi reġistri pubbliċi bħal reġistri ċentrali tal-artijiet, reġistri ċentrali tal-kumpanniji, reġistri ċentrali tal-vetturi jew reġistri ċentrali marittimi,
- issib, kemm jista' jkun malajr, arranġament temporanju għall-amministrazzjoni teknika tal-FIU.net, u li tressaq proposta għal soluzzjoni fit-tul għall-FIU.net jew is-suċċessur tiegħu li tiżgura kooperazzjoni effettiva fost l-UIF, kif ukoll bejn l-UIF u l-Europol fejn rilevanti²³,
- tikkunsidra li tkompli ssaħħa il-qafas legali sabiex jiġu interkonnessi l-mekkaniżmi ċentralizzati nazzjonali (reġistri ċentrali jew sistemi elettroniċi ċentrali għall-irkupru tad-data) tal-Istati Membri rigward il-kontijiet bankarji, li jaċċelleraw l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja filwaqt li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti,
- issegwi, flimkien mal-Istati Membri u mal-Pjattaforma tal-UIF tal-UE, ir-riflessjoni tagħha rigward mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ li jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-ħidma transfruntiera tal-UIF, inkluż rabta potenzjali bejn dak il-mekkaniżmu u l-FIU.net jew is-suċċessur tiegħu,

²² Id-Direttiva dwar il-Konfiska (2014/42), l-Artikolu 10 (2), u r-Regolament reċenti 2018/1805 dwar ir-rikonossiment reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska.

²³ Kif previst pereżempju fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-użu ta' informazzjoni finanzjarja (1153/2019).

- mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-Istati Membri li jagħżlu mudell għall-FIU tagħhom li jaqbel l-aktar mas-sistema legali u amministrattiva tagħhom, biex jesploraw jekk tal-inqas ċerti aspetti tal-ħidma tal-UIF jistgħux jiġu adattati aktar b'tali mod li jippermetti skambju aktar effiċjenti ta' informazzjoni, kif previst mill-AMLD, id-Direttiva (UE) 2019/1153, u kwalunkwe strument ieħor,
- tiegħu kont ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni tal-Europol ma' Partijiet Privati fil-qafas ta' rieżami tagħha tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/794, meta teżamina l-prattika ta' skambju dirett ta' data personali ma' partijiet privati,
- tevalwa l-ħtieġa għal qafas legali msaħħaħ għall-istabbiliment ta' sħubijiet pubbliċi-privati rilevanti,
- timpenja ruħha mill-ġdid f'diskussjoni mal-Istati Membri rigward il-ħtieġa għal limitazzjoni legiſlattiva fuq pagamenti fi flus kontanti fil-livell tal-UE, kif previst fil-komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Mejju 2020 dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħasil tal-Flus,
- tikkunsidra l-ħtieġa li tkompli ttejjeb il-qafas legali għall-assi virtwali introdotti mill-Ħames AMLD²⁴, bħal billi tkopri wkoll muniti virtwali li ma jistgħux jiġu skambjati ma' muniti ta' kors legali u b'hekk tikseb allinjament aħjar mar-rakkomandazzjonijiet attwali tal-FATF.

JAPPELLA LILL-EUROPOL:

- tuża b'mod sħiħ il-potenzjal taċ-Ċentru Ewropew għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika li għadu kif ġie stabbilit, bħala struttura dedikata għall-appoġġ tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda tagħhom kontra l-frodi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u l-falsifikazzjoni, filwaqt li tippromwovi b'mod sistematiku l-irkupru tal-assi kriminali madwar l-UE u lil hinn minnha. Jenħtieġ li l-ħolqien tal-EFECC u l-kompiti li jrid jissodisfa jiġu riflessi b'mod xieraq fir-riżorsi allokat li lill-Europol.

²⁴ Id-Direttiva (UE) 2015/849, kif emendata mid-Direttiva 2018/843.

- biex jinbdew ħidmiet preparatorji għal konklużjoni ta' arranġament ta' ħidma għall-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew sabiex tiġi appoġġata l-attività tiegħu fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE.

JAPPELLA LIS-CEPOL BIEX

- tkompli tiżviluppa u timplimenta portafoll ta' taħriġ komprensiv għall-investigaturi finanzjarji sabiex tikseb fehim aktar koerenti tas-suġġett dwar it-tattiki u t-tekniki ta' investigazzjoni transfruntiera applikati mill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fl-UE. Dan il-kompitu jrid jiġi ssodisfat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Europol u mal-atturi rilevanti l-oħra f'dan il-qasam partikolari ta' kriminalità u jenħtieġ li jkun possibbli permezz tal-allokazzjoni tar-riżorsi meħtieġa għas-CEPOL, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
-